MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 414/2005/1

**Book Distributors (BDL) Limited**

**Vs**

**Joseph Mary Meli**

**Il-Qorti,**

Fit-8 ta’ Frar, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta` Frar, 2005, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` elf, mija u erbgha u disghin lira Maltija u sittax il-centezmu (Lm1,194.16), rapprezentanti valur ta` prodotti mibjugha lilu kif jirrizulta minn dokumenti annessi u mmarkati Dok. A, B u C.

Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-fattura Dok. A sal-hlas effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta` mandat ta` sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma` dan l-avviz kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut datata 12 ta` Mejju, tas-sena 2006, fejn ikkontesta t-talba attrici fis-sens illi afferma li huwa qatt ma rcieva korrispondenza – illi l-istatement mhux prova ta` dejn - li l-ittra ta` Dr Sansone qatt ma waslitlu – li huwa qatt ma ra l-original tal-fatturi ndikati f'Dok. A a fol. 2 tal-process u kwindi talab li jkollu access ghall-istess original.

Illi jidher li fl-istess risposta, l-konvenut avvanza kontro talba fejn talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta` attrici l-massimu possibbli (presumibbilment bhala danni ghal malafama).

Ra r-risposta ulterjuri pprezentata mill-konvenut datata 17 ta` April, 2007, fejn eccepixxa l-preskrizzjoni ta` tmintax il-xahar a tenur ta` l-artikolu 2148 (b) Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta, liema artikolu jitkellem dwar azzjonijiet ghal prezz ta` merkanzija oggetti jew hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali ta` l-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi dwar l-eccezzjoni ulterjuri ta` preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, huwa rrilaxxja affidavit fejn stqarr li huwa ma kienx kummercjant u li kien gie notifikat bil-kawza odjerna tramite l-Gazzetta tal-Gvern, nhar it-18 ta` April, 2006. Ezebixxa

wkoll estratt ta` l-istess gazzetta a fol. 48 tal-process.

Illi dwar din l-eccezzjoni preliminari jinghad fl-ewwel lok li l-artikolu kwotat ma jidhirx li huwa applikabbli ghall-kaz odjern in vista tal-fatt li l-meritu in kwistjoni aktar jaqa` taht il-preskrizzjoni ta` hames snin a tenur ta` l-artikolu 2156 (f), Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta. Fi kwalunkwe kaz pero` jigi rilevat illi l-perjodu preskrittiv xorta wahda kien gie interrott bil-prezentata ta` dan l-avviz datat 8 ta` Frar, 2005, filwaqt li l-bejgh in kwistjoni sehh f'Marzu/April 2004, cioe f'perjodu ta` anqas minn 18 il-xahar.

Illi dwar il-kontro talba mressqa mill-konvenut, jigi affermat illi tali pretenzjoni ma taqax taht il-kompetenza ta` dan it-Tribunal u kwindi sejjer jastjeni milli jiehu aktar konjizzjoni taghha.

Illi dwar il-kontestazzjoni mressqa fis-sustanza, t-Tribunal fl-ewwel lok jinnota li fir-risposta originali tieghu, l-konvenut b'ebda mod ma allega li l-kotba ma waslux ghandu jew li ma ordnax u / jew li ma xtarax kotba minghand is-socjeta` attrici – semplicement qed jallega li l-original tal-fatturi in kwistjoni ma kienux waslu ghandu. Illi kif ser jigi osservat aktar il-quddiem, din il-verzjoni tal-konvenut bdiet tinbidel minn zmien ghal zmien tul il-kors ta` din il-procedura, liema fattur tassew jaghmilha difficli ferm biex it-Tribunal jikkunsidra din il-parti bhala wahda li ghandha tinghata xi forma ta` kredibilita`.

Illi jidher li l-fatturi in kwistjoni kienu gew indirizzati lill-konvenut fl-indirizz 328, St Paul's street, Valletta (a fol. 22 et seq) u fl-istess hemm elenku tal-kotba konsenjati u l-firma jew ahjar l-inizjali ta` min suppost ircieva l-istess. Skond ix-xhud, Ilona Busuttil, dawn l-inizjali kienu tal-konvenut li jkun ghamilhom fil-mument tal-konsenja.

L-avukat Doctor Victor Axiaq xehed illi fis-seduta ta` nhar it-28 ta` April, 2006, meta l-konvenut kien ta b'ruhu notifikat b'dawn il-proceduri, l-istess konvenut kien stqarr mieghu kliem fis-sens li l-ammont mitlub kien ghadu dovut.

Meta l-konvenut xehed fis-seduta tat-28 ta` Novembru, 2006 huwa stqarr li l-kotba in kwistjoni qatt ma kien ircevihom fl-indirizz ta` San Pawl pero` meta mistoqsi ghal darba, tnejn jekk kienx ircevihom f'indirizz iehor, huwa rrisponda "nghid li ma nafx u ma niftakarx. Nerga` nsostni li ma nafx". Risposta tassew inverosimili partikolarment meta wiehed iqis in-numru sostanzjali ta` kotba li qed nitkellmu fuqhom.

Il-konvenut rega` xehed fis-seduta ta` l-14 ta` Dicembru, 2006, fejn rega` stqarr li huwa qatt ma rcieva l-istatements fl-indirizz ta` San Pawl il-Bahar peress illi huwa qatt ma ghex hemm stante li joqghod fl-indirzz tal-Belt. Pero` anqas l-ittra ezebita a fol. 3 tal-process ma waslitx ghandu fl-indirizz tal-Belt. B'riferenza ghall-inizjali li hemm fuq id-dokumenti ezebiti mis-socjeta` attrici huwa jafferma li ebda wahda minnhom ma hi l-firma tieghu. Meta t-Tribunal indirizza lill-konvenut b'xi domandi u fakkru li kien taht gurament, huwa rrisponda li l-kotba in kwistjoni jew kienu gia` ghandu jew kien xtrahom jew kien akkwisthom minn band'ohra u li l-parti l-kbira tal-kotba li hemm fuq il-lista ma jiftakarx li qatt ordnahom. Meta gie kkonfrontat ma` l-istqarrija ta` l-avukat Axiaq u cioe` li huwa kien ammetta mieghu li l-ammont kien dovut huwa jwiegeb li kien qallu kliem fis-sens lil "jekk kien hemm xi ammont outstanding kont lest li nhallashom" pero` fl-istess nifs izid ighid li kien qed jirreferi ghall-invoice ohra datata 3 ta` Jannar, 2001, cioe` fil-konfront ta` invoice mhux meritu ta` dina l-kawza. Ara din l-invoice jidher li waslitlu.

Illi jigi rilevat inoltre li kwantu ghat-talba attrici dedotta fil-konfront ta` invoice numru 48596, din fil-fatt giet imhallsa in parte mill-istess konvenut cioe` fl-ammont ta` Lm200 kif jirrizulta minn ricevuta li tinsab ezebita a fol. 68 tal-process, liema ammont se mai ghandu jitnaqqas mis-somma mitluba.

Illi jigi notat inoltre li skond ir-rapport maghmul u mahluf mill-espert tal-Kaligrafija, l-P.L. Giuliana Scerri Ferrante, din ikkonkludiet illi l-firem maghmula fuq l-invoices in kwistjoni kienu x'aktarx maghmula mill-konvenut stess u dana sal-grad tal-probabbilita` kontra l-grad tal-possibbilita` u fil-fatt in eskussjoni tat percentwali ta` 80 fil-mija.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet u osservazzjonijiet fuq premessi t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz bil-mod segwenti:-

1. Fl-ewwel lok qieghed jichad l-eccezzjoni preliminari ta` preskrizzjoni sollevata mill-konvenut in vista tal-fatt li ma lahaqx iddekorra l-perjodu preskrittiv mal-prezentata ta` l-avviz odjern;

2. Fit-tieni lok tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kontro talba mressqa mill-konvenut in vista tal-fatt li tali materja ma taqax taht il-kompetenza ta` dan it-Tribunal;

3. Fit-tielet lok u fil-meritu tal-kaz proprju, tirrespingi l-eccezzjonijiet l-ohra kollha sollevati mill-istess konvenut, kwindi jilqa` t-talba attrici b'dan illi in vista tal-pagament akkont maghmul mill-konvenut jillikwida s-somma rejalment dovuta fl-ammont ta` €2,315.77 (Euros) (gia Lm994.16) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont hekk likwidat fis-somma ta` €2,315.77 (Euros) gia Lm994.16, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjez

kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.”

L-aggravju tal-konvenut fl-appell tieghu minn din is-sentenza hu wiehed purament ta’ kontestazzjoni ta’ l-apprezzament fattwali maghmul mit-Tribunal. L-argoment baziku tieghu jikkonsisti fis-sottomissjoni illi l-kumpanija attrici ma ressqetx provi ghas-sostenn tal-pretensjoni tal-kreditu taghha. Huwa jiddeduci dan mill-generalizazzjoni illi ma ngiebet ebda prova dwar il-bejgh attwali tal-kotba u tal-kunsinna taghhom lilu, u li l-konkluzjoni tal-perizja, adottata mit-Tribunal, hi monka;

Ri-epilogati fil-qosor, il-fatti ewlenin tal-kawza huma dawn:-

(1) Kif iddikjarat mix-xhud Ilona Busuttil (fol. 29), ir-*records* tal-kumpanija kienu juru li l-konvenut kien ghadu debitur fis-somma reklamata fl-Avviz. L-*invoices* relattivi ghal kotba kunsinnati huma esebiti minn fol. 22 sa fol. 28;

(2) Dejjem skond din ix-xhud, mal-konsenja mid-*delivery man* tal-kumpanija l-konvenut kien jiffirma fuq l-*invoices*;

(3) Il-konvenut jistqarr li hu qatt ma rcieva kotba fl-indirizz ta’ San Pawl il-Bahar indikat fl-i*statement* a fol. 2 akkompanjanti l-Avviz. Mistoqsi, pero`, jekk ircevihomx f’xi indirizz iehor wiegeb li ma jafx u ma jiftakarx. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 36;

(4) L-istess konvenut innega illi l-firem fuq l-*invoices* kienu dawk tieghu;

(5) In vista ta’ din in-negazzjoni u fuq it-talba tas-socjeta` attrici t-Tribunal innomina espert kalligrafiku u din, fir-relazzjoni taghha a fol. 71, iddeterminat li l-awtur tal-firem fuq l-*invoices* kien il-konvenut. Il-precentwali ta’ probabilita` ghal din il-konkluzjoni taghha giet minnha

ffissata ghal tmenin fil-mija (80%). Ara xhieda taghha in eskussjoni a fol. 73;

Fermi dawn il-fatti, l-appellanti jikkontendi illi l-prova li taghmel il-perizja kellha tigi skartata fuq il-presuppost illi l-inizzjali fuq l-*invoice* qatt ma jistghu jfissru firma. Hi din il-kontestazzjoni li l-Qorti thossha fid-dmir li tapprofondixxi;

Jibda biex jigi osservat b'aspett generali illi, kif ritenut, "il-perijza kalligrafika, bhala bazata mhux fuq dak li wiehed ra jew sema', imma fuq il-*comparatio literarum*, maghmula sija pure minn tekniku, ma hija qatt prova diretta, imma indizjarja ... Mhux kontestat illi, bhala prova indizjarja u sussidjarja, il-perizja kalligrafika ghandha l-valur taghha u tista' tikkonforta l-gudikant fl-apprezzament ta' provi, jew ta' principju ta' provi ohra". Ara "**Il-Pulizija -vs- John Fenech**", Appell Kriminali, 28 ta' Ottubru, 1944. Dan il-hsieb gie ribadit fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' April, 1961 in re: "**Rosario Briffa -vs- Geraldo Debono**" li ssoktat tghid illi "l-perizja kalligrafika, anke meta tkun wahedha, ma jistax jinghad li ghandha tkun skartata *sic et sempliciter*". Dejjem in tema hi valevoli wkoll ir-riflessjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell, sede Civili, fid-decizjoni fl-ismijiet "**Lawrence Cachia Zammit *et* -vs- Carmelo Chetcuti**", 19 ta' Gunju, 1950, fejn inghad illi "jekk huwa minnu li ma tikkostitwixxix il-prova pjena, huwa wkoll veru li per se tista' tkun utli u tista' tikkonduci, flimkien ma' provi ohra, ghal rizultament li in konsegwenza tieghu tista' tigi deciza l-kawza";

Maghmula din il-preliminari, relattivament ghal firem fuq dokument din il-Qorti, kif presjeduta, gja kellha okkazjoni tippreciza dan li jsegwi:-

"Indubbjament, is-sottoskrizzjoni fuq dokument hi element essenzjali tieghu in kwantu tistabilixxi l-volonta` tal-firmatarju li hu qed japprova l-kontenut. Di fatti, din l-istess sottoskrizzjoni tassolvi funzjoni duplici. Il-wahda, <u>indikattiva</u> ghal fini li jkun individwat l-awtur tad-dokument.

L-ohra, dikjarattiva, billi minn iqieghed il-firma jassumi l-paternita` tad-dikjarazzjonijiet kontenuti fl-istess dokument" ("**Maltacom plc *et* -vs- Ibrahim Salifu**", 6 ta' Frar, 2008);

Mill-perizja f'dan il-kaz jirrizulta illi anke jekk bl-inizzjali biss l-espert kalligrafiku rnexxielha, anke jekk fuq bazi ta' probabilita`, tidentifika fil-konvenut l-awtur tal-firem fuq il-fatturi. Ghaliha, dawk il-firem b'dawk l-inizzjali kienet tissodisfa r-rekwizit minimu tac-certezza ragonevoli li l-persuna li ghamel dawk l-inizzjali kien il-konvenut. Jinghad mill-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana illi "*qualora il relativo segno grafico contenga un minimo di individualita`, si da non consentirne l'automatica riproduzione ad opere di chiunque, e da evidenziare la volonta di un certo soggetto di rendersene autore*" (**Cass. 11 ta' Settembru, 1979, numru 4746**), allura, dik il-firma hekk maghmula ma tistax tigi dikjarata invalida. F'kaz bhal dan il-perizja *de qua* ghandu jkollha hi wkoll l-effikacja probatorja tac-certezza fuq l-awtenticita` tal-firem apposti mill-konvenut fuq l-*invoices*, u t-Tribunal ghamel sewwa li adoperaha bhala parti integrali mill-motivazzjoni tas-sentenza. Kif pacifikament konsolidat f'bosta sentenzi tal-Qrati taghna, "l-*giudizio dell'arte* espressa mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghtija b'talba ghal nomina ta' periti addizzjonali jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli" ("**Giswarda Bugeja *et* -vs- Emmanuele Muscat *et***", Appell Civili, 23 ta' Gunju, 1967). Qaghda din ta' l-ahhar li dwarha jkollu jinghad illi l-konvenut appellanti ma jirnexxielux jiddemostra sodisfacentement bil-mezz ta' ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni ta' l-espert kalligrafiku;

Agguntivament, kif ghandu jirrizulta wkoll mill-korp tas-sentenza appellata, it-Tribunal ma applikax biss il-kriterju generali tac-certezza morali li kienet taghmel dik il-perizja.

Il-konvinciment tieghu kien assistit mill-konkors ta' elementi ohra ta' provi li kienu jidentifikaw lill-konvenut bhala l-persuna li kkontrattat l-akkwist tal-kotba u dik ta' ricezzjoni taghhom minnu. Mhux l-anqas, dik tal-kondotta processwali assunta minnu b'dik l-amnesija li ma jafx u ma jiftakarx jekk hu rceviex il-kotba f'xi indirizz iehor. Similment, bhat-Tribunal qabilha, din il-Qorti ssibha difficli biex temmen lill-konvenut fl-allegazzjonijiet centrali tieghu, sija dwar l-ordni u r-ricezzjoni tal-kotba, sija relattivament ghall-firem tieghu fuq l-*invoices*. Pjuttost, l-atteggjament tieghu fil-vicenda processwali thallilha sapur ta' inveridicita u dan, fic-cirkustanzi, ma jistax hlief jimmilita kontra tieghu.

Ghal dawn il-motivi kollha l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------